MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2013

Numru. 799/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Nadia Lanzon**

**VS**

**Oliver Grima, iben John u Theresa nee' Pavia, imwieled Paola nhar il-11.03.1948, residenti fil-fond numru 35, Olimar, Triq il-Peprin, Santa Lucia, detentur tal-karta tal-identita' numru 275948M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Oliver Grima** li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Settembru, 2003, waqt illi kien qieghed isuq il-vettura Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni HAP487 fi Triq Ghar Dalam, Birzebbuga,

fid-direzzjoni ta’ Birzebbuga, 275948M li kien passiggier fl-istess vettura bi ksur tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuni ta’ Abison Degiorgio minn Birzebbuga u Diane Grima mill-Awstralja, liema feriti huma kklassifikati bhala gravi per durata, hekk kif iccertifikaw Dr Kevin Zammit u Dr Claire Falzon mill-Casualty Department tal-Isptar San Luqa, bi ksur tal-Artikolu 226(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq il-vettura Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni FAS231 ghad-dannu ta’ Abison Degiorgio, illi fil-hin tal-incident kien ghaddej mid-direzzjoni opposta fid-direzzjoni ta’ Bir id-Deheb, u dan bi ksur tal-Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (folio 55), u cioe’:

- L-Artikoli 225, 226(a), 328(b), 20, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat b’mod partikolari l-atti tal-Inkjesta ezebita.

Rat ukoll il-verbal tad-Difiza registrat fis-seduta fejn instemghet il-midrujba Donna Grima (gewwa l-Isptar), illi d-Difiza bla pregudizzju kienet lesta thallas ghat-trasport tal-mejjet, salv li r-*reimbursement* tal-kumpanija assiguratrici tal-familja tal-mejjet ghandu jinghata lill-akkuzat.

Ghalhekk Diane Grima xehdet illi hi flimkien ma’ zewgha u l-akkuzat kienu f’riceviment ta’ maghmudija. L-akkuzat kien is-sewwieq f’din l-okkazjoni, cioe’ kein qieghed isuq anke lilhom. Qalet illi fil-vettura zewgha George kien fis-

seat ta’ quddiem hdejn l-akkuzat, u hi kienet fuq is-seat ta’ wara, wara zewgha. Xehdet illi kienu ilhom isuqu ghal tul ta’ zmien, u fil-minuta ta’ wara kien hemm liwja kbira. Qalet illi ppruvat tinqala’ mis-seat ta’ wara. Setghet tara li zewgha George ma kinx fi stat tajjeb, kelllu idu kiesha, bdiet tghajjatlu u rrispondieha b’lehen dghajjef, kellu xi haga hierga minn halqu. Rat illi l-akkuzat, ghalkemm kien qieghed izomm sidru, kien tajjeb.

Dwar l-incident qalet li dak li kienet tiftakar kien li kienet qed tpacpac u “*there was a loud bang*.” (folio 16). Spjegat illi kienu sejrin lejn Birzebbuga. Ma semghetx *breaks* qabel l-incident. Kienu sejrin id-dar wara nofs il-lejl, lejn Birzebbuga. Kienu gejjin minn Santa Lucija.

Dwar kemm ikkunsmaw xorb, qalet illi kienet tiftakar illi l-akkuzat xorob, pero ma kinitx taf kemm u xiex (folio 19). Qalet ukoll illi hi fl-Awstralja (pajjizha) kienet issuq u li “*I am sure I would have notice if Mr Grima (l-akkuzat) was driving in a reckless manner.*” (ibid).

Dwar l-griehi, ziedet illi hi fl-incident qalet illi kellha ksur f’idejha x-xellugija u tbengil b’wiccha.

Dwar l-incident, ziedet hekk “*One moment we were talking and the next moment there was a bang. I recollect that there were other cars in front of his, going to Birzebbuga…….Asked whether I saw anything strange in Oliver….whether he blanked, I state I did not notice anything and add that we were talking all the three of us.*” Ziedet illi ghalkemm matul it-tragitt hi nnutat illi l-akkuzat kien qal xi haga, ma kinitx tiftakar

Oliver qala’ xi karozzi meta gara l-incident.

Dwar jekk l-akkuzat qalax jew le qabel l-incident, wiegbet “*I would say that I did not notice or look.*” (folio 23).

PS 808 Nazzareno Sammut, is-Surgent li mar fuq is-sit tal-incident, xehed illi l-vettura HAP487 misjuqa skondtu mill-akkuzat, kienet habtet *head-on* fuq karozza tiela’ fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Xehed illi l-vettura tal-akuzat

kienet "*……totalment fuq in-naha l-ohra tat-triq.*" (folio 33). Zied illi go din il-vettura kien hemm l-akkuzat, George Grima, u l-mara tieghu. Qal illi George Grima kien mitluf minn sensieh kif waslu huma – il-pulizija, u li baqa' hekk sakemm gie ccertifikat mejjet. Qal ukoll illi meta kellem lix-xufier dak il-hin fuq il-post, dan qallu li ma kinx jaf kif kien spicca hekk.

Abison Degiorgio, id-driver tal-vettura l-ohra, mitkellem a tempo vergine minn dan ix-xhud, skondtu qallu li kien tiela', u l-iehor – l-imputat, baqa' diehel go fih. Ezebixxa r-rapport tieghu bhala Dok A, a folio 35.

Minn naha tieghu Joseph Zammit, espert tekniku mahtur fl-Ingenere, xehed illi wara ezamijiet li kien ghamel fuq il-vettura mahbuta, wasal ghall-konkluzjoni li l-incident ma sehhx minhabba xi faults li seta' kellhom iz-zewg vetturi nvoluti.

Abison Degiorgio, is-sewwieq l-iehor, qal u xehed illi kien tiela' t-telgha ta' Ghar Dalam. Xehed illi kif qabad it-telgha, induna li kien hemm karozza Honda Civic li pprova jaghmel *overtaking* u mar fuqu *head-on*. Din il-vettura kienet Honda Civic blu skura bin-numru tar-registrazzjoni FAS231. F'dan l-incident hu kiser il-polz. Sofra wkoll *concussion* u *whiplash*. Spicca gie operat anke fil-polz.
Xehed illi hu kien fil-karreggjata tieghu fuq in-naha tas-*slow lane*.
Qal illi l-vettura tieghu ftit iccaqalqet minn postha u minn triqtha mal-impatt. Xehed ukoll illi minn meta ra l-karozza sal-impatt, kien hemm ftit distanza, kemm jaghfas il-*brake*. Qal illi sabu quddiem wiccu (folio 49).

In kontro ezami, mistoqsi dwar l-*overtaking*, qal illi hu ra kaozza tmur quddiemu. Xehed ukoll hekk "*Kien hemm karozza quddiemu definittivament ghax jien rajt zewg karozzi nezlin.*" (folio 51).

Xehed ukoll Brian Farrugia f'isem l-ADT, u qal illi l-vettura HAP487 fi zmien l-incident kienet registrata fuq Oliver Grima l-imputat.

Rat anke r-relazzjoni ta’ PC 1525 Patrick Farrugia, Dok PF, minn fejn jista’ *ad occhio* jigi kkonstatat illi l-posizzjoni ezatta tal-vettura mahbuta, anke fir-rigward tal-karreggjata; kif ukoll il-hsara sostanzjali u estenvisa li sofrew rispettivament.

Rat ukoll in partikolari l-iskizz tal-incident kif redatt mill-Perit Arkitett Valerio Schembri.

Xehdu anke l-patologisti nominati li kkonfermaw li l-mewt ta’ George Grima grat ikkagunata minn “*……..chest and hypovolaemic shock following a motor vehicle accident.*” (folio 97) Xehdet il-Profs Camilleri li l-mejjet kellu frattura fil-kustilji, u li ma kinx jirrizultalhom li kien ibati minn xi affarijiet ohra (vide Dok MTC, folio 95).

Minn naha tieghu Dr Karl Chircop xehed illi hu kien il-GP tal-imputat. Qal illi kien ilu hekk mis-sena 1990, li kien ibati minn angina u beda mis-snin 1995-96 jiehu medicini ghalhekk. Qal illi dawn il-pilloli kellhom effett li bihom titbaxxa l-pressjoni. Kellhom effetti ohrajn bhal *halicossis* u sturdamenti, allura jista’ jkun hemm *black-outs*. Qal illi kien jimmagina li l-akkuzat kien jaf b’dan, u li kien hemm eluf ta’ pazjenti li kienu fuq din il-medicina, u jsuqu xorta. Ghalih l-imputat kien ilu jiehu dawn il-pilloli mis-sena 1996.

Xehed minn naha tieghu l-imputat, illi hu kien jahdem gewwa l-Ajruport bhala skrivan, pero qal ukoll illi hafna minn xogholu kien ikun fuq l-apron. Qal illi fi zmien li kien jahdem fuq l-apron, li kien anke jsuq fuq l-istess. Qal illi f’dan il-perjodu kien ikun hemm tobba jaghmlu ezamijiet fuq l-ghajnejn. Qal illi kien jigi certifikat anke mit-tabib. Qal illi dawn it-testijiet saru anke wara s-sena 1996.

Qal illi hu flimkien mal-konjugi Grima li kienu gew mill-Awstralja, kienu flimkien maghmudija. Gabarhom minn Birzebbuga, u flimkien marru din il-maghmudija Santa Lucija. Qal illi lil dan George (il-mejjet) kien *close* hafna mieghu, kien jistmah tal-familja. Qal ukoll illi meta spiccaw minn din ir-reception, ha pillola ta’ taht l-ilsien ghall-angina, hadha nofs siegha qabel ma telqu lura. Qal illi kif

waslu hdejn Ghar Dalam - stqarr ukoll illi t-triq kien jafha sew, tah *black-out*. Xehed illi meta gie f'sensieh, il-pulizija staqsewh ghax kien fin-naha l-ohra tat-triq. Xehed ukoll illi tah hass hazin iehor qabel ma dahal fl-ambulanza.

Insista li kellu *black-out*.

Dwar l-*speed*, qal illi s-sewqan tieghu kien bejn 55 – 60 km biss.

Dwar sahhtu, xehed illi meta kien ihoss ugiegh f'sidru, kien jiehu pillola, dan ghaliex hu fis-sena 1992 kien tah attakk tal-qalb, u anke ghamel *angiogram* u *angioplasty* fis-sena 1996.

Dwar kemm xorob il-maghmudija, qal illi hu ma setax jixorb minhabba l-pilloli. Semma diversi pilloli li kien jiehu, kemm minhabba l-pressjoni kif ukoll minhabba d-*depression*. Qal pero li d-*depression* giet wara l-incident. Dakinhar tal-okkazjoni, xehed illi kien ha Aperol, ha wkoll zewg tazzi nbid. Minhabba d-*depression* qal illi Dr Karl Chircop kien irreferieh ghand Dr Joseph Spiteri, psikjatra. Spjega li wara dan l-incident tat-traffiku, hu kien *depressed* hafna, anke ghax kien tilef wiehed mill-hbieb tieghu George, li mieghu kien *close* u kien ilu jafu tletin sena.

Dwar il-pilloli li kien qieghed jiehu ghall-angina, qal illi hadd qatt ma qallu x'kienu s-*side effects* taghhom. Xehed illi wara l-incident, qatt ma rega' gralu *black-out* u li hadd qatt ma waqqfu milli jkompli jsuq.

In kontro ezami, qal illi waqt li kien qieghed isuq lura, quddiemu kien hemm tnejn jew tliet karozzi. Xehed illi hu ma qabizx. Baqa' dejjem fuq ix-xellug. Qal illi hu ma kinx bniedem li jixrob. Qal ukoll illi dakinhar ha l-pillola ghax hass ugiegh f'sidru. Ha l-pillola minn ghoxrin minuta sa tletin minuta qabel l-incident. Xehed illi kien tajjeb biex isuq, tant illi sakemm gie biex isuq, l-ugiegh kien marlu. Xehed ukoll illi hu lix-xufier l-iehor qatt ma rah tiela'.

Ezebixxa zewg certifikati – Dok OG u Dok OG1, a folio 129 u 130, tat-tobba Chircop u Spiteri, fil-konfront tieghu.

L-imputat kien anke ta l-verzjoni tieghu waqt l-Ingenere moghti d-debita kawzjoni. A *tempo vergine* xehed, moghti d-debita twissija, kwazi kwazi dak li qal quddiem din il-Qorti *viva voce*. Pero a *tempo vergine*, l-imputat issa, ghalkemm anke hawn jghid li bblenkja, naqas illi jsemmi fatturi li issa quddiem il-Qorti ressaq bhala parti mill-linja difensjonali tieghu - il-pilloli. Zied ukoll haga ohra f'dan l-istadju bikri a folio 12 tal-istess xhieda, ara relazzjoni ta' Dr Vincent Galea. Jghid ukoll illi ra d-dawl, imbaghad ibbrejkja biex jevita l-habta.

Ikkunsidrat:

Mela *nonostante* li l-imputat gia', skont ix-xhieda minnu mressqa (Dr Karl Chircop), kien qieghed jiehu dawn il-pilloli msejha - skont id-Difiza, Enalaprol, dan a *tempo vergine* naqas illi jsemmi dawn. Donnhom dawn gew "*after thought*" ghalih!! Haga ohra li ferm issorprendiet lil din il-Qorti, meta rat in-nota tad-Difiza ferm spjegattiva dwar din id-droga komunament imsejha Vasotoc, kienet illi l-imputat naqas isemmi l-*interaction* ta' din il-pillola mal-alkohol. *Ex admissis* dan jghid illi hu qabel ma saq - xi nofs siegha qabel, ha din il-pillola u li kkonsma wiehed Aperol u zewg tazzi nbid zgur!

Issa kieku l-imputat komplja jfittex mal-informazzjoni kollha li hu pprezenta lill-Qorti dwar din il-medicina, kien jirrizultalu wkoll illi din ghandha "*interaction*" mal-alkohol. Certament huwa ben rissaput illi l-alkohol jista' (u hafna drabi hekk jigri) jaffettwa l-pressjoni tad-demm, dan issa maghdud ma' medicina li qieghda ndirizzata biex tikkontrolla proprjament l-istess pressjoni!! Tista' tghid illi dawn iz-zewg kimici allura jispiccaw fil-gisem jahdmu b'sinergija, b'effetti mhux dejjem desiserabbli.

Gie suggerit ukoll, ovvja mill-Prosekuzzjoni, u anke xi ftit mix-xhieda ta' Abison Degiorgio, illi l-imputat spicca kompletament fuq in-naha l-ohra tat-triq ghax ghamel

manuvra ta’ *overtaking*. Hu stess jghid fil-fatt illi quddiemu kellu zewg karozzi, pero qatt ma jammetti din il-manuvra.

Li hu zgur huwa li l-imputat spicca habat ma’ Degiorgio b’mod totalment frontali, verament *head-on*. Dan jirrizulta kjarament mir-ritratti mehuda minn PC 1525 u l-iskizz car li ghamel il-Perit Arkitett Valerio Schembri.

Issa din il-Qorti, ma tistax ma tikkummentax ukoll dwar il-fatt illi min jibblenkja u jibda dan l-izveniment, minn naha tieghu tat-triq - ix-xellug ghall-imputat, difficli biex jispicca f’impatt totalment frontali. Il-logika titlob illi d-dinamika ta’ dak minnu suggerit, kienet tkun illi hu jahbat ma’ Degiorgio fuq in-naha tas-sewwieq, mhux in linea diretta ghal fuqu!!

Lanqas Diane Grima, dejjem skont ix-xhieda migbura, passiggiera fuq wara u li kienet qed issegwi l-konversazzjoni bejn zewgha u l-akkuzat, qatt ma tghid illi l-akkuzat kellu *black out*, zveniment li allura kkaguna manuvra mprevvista, f’daqqa u xi ftit jew xejn eratika stante li fi zveniment zgur sewwieq ma jigbidx linja diretta!!

Ghalhekk din il-Qorti, mehuda in konsiderazzjoni z-zewg tezijiet - dik tad-Difiza sturdament tal-pilloli, u dik favoreggata mill-Prosekuzzjoni, iddur fejn iddur xorta tqis illi dan l-incident hu unikament responsabbilta’ ta’ Oliver Grima.

Certament u bla dubbju, rizultat ta’ dan l-incident stradali, gew ikkagunati:
il-mewt ta’ George Grima;
griehi gravi lil Diane Grima;
danni sostanzjali fil-vettura ta’ Abison Degiorgio, vide ritratti Dok PF u r-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit, li ddikkjara li l-istess vettura FAS231, kienet *beyond economical repair*, Dok JZ folio 37 – 38 tal-Inkjesta. L-istess vettura tghajjat, cioe’ hija registrata, fuq dan Degiorgio, skont ix-xhieda ta’ Christopher Darmanin (folio 77).

Issa d-Difiza ressqet ukoll fin-nota taghha, diversi konsiderazzjonijiet legali u ccitat decizjoni ferm uzata fil-gudizzju nostrani, dik tal-Imhallef Flores moghtija fis-sena 1961 fil-kawza fl-ismijiet "Pul vs Perit Louis Portelli". Hawn l-ghaqli gudikant ta spjegazzjoni misluta u cara ta' mprudenza, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fejn jidhirlu li n-nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u n-ness, cioe' dik il-kawzali necessarja li torbot dawn in-nuqqasijiet mal-incident kagunat. Huwa ferm accettat illum illi tali nuqqasijiet iridu jkunu tali kkagunati minn nuqqas ta' kondotta mistennija li juri l-imsejjah "*bonus pater familias*". Kif intqal fl-istess sentenza msemmija, komportament "*…..uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza, u sensibilita' normali*."

Issa din il-Qorti, kif gia' rriteniet, hija tal-fehma li ddur fejn idur, l-imputat huwa b'azzjonietu - sew jekk qala', sew jekk xorob ma' pilloli ta' natura ta' dawk minnu prezentati, responsabbli ghall-incident stradali. Certament, wahidha l-vettura ma setghet qatt tispicca f'linja diretta frontali mal-vettura li kienet tiela'!!

Tigbed l-attenzjoni wkoll tad-Difiza li sahhet hafna fuq dan, illi d-dokument a folio 148, cioe' l-*case summary*, juri li saru *blood investigations* u ma jaghtu ebda rizultat ta' naha u lanqas l-ohra – tant illi l-imputat gie "*dishcharged in good general condition*". Anzi l-*blood investigations* juru biss illi hu kellu pressjoni gholja, pero stabbli. Tfakkar ukoll il-Qorti, illi l-imputat *ex admissis*, qal illi hu kien ikkonsma xi ftit alcohol.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 225, 226, u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista' tal-kundizzjoni medika tal-imputat, kif ukoll il-piena li gia' sofra li fil-fatt kien responsabbli ghall-mewt ta' habib tieghu, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundannah ukoll ghal sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien 5 snin wara li rat l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll multa ta' €5,000.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------